

Dikjarazzjoni



Translations proofread by EDPB Members.

This language version has not yet been proofread.

Dikjarazzjoni 04/2021 dwar il-ftehimiet internazzjonali li jinkludu trasferimenti Adottata fit-13 ta' April 2021

Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* adotta d-dikjarazzjoni li ġejja:

Billi I-EDPB/I-Awtoritajiet Superviżorji nazzjonali kienu qegħdin jirċievu mistoqsijiet dwar l-iskambju ta' *data* personali bejn awtorità pubblika u oħra b'konformità mal-ftehimiet internazzjonali li jeżistu f'diversi oqsmi, I-EDPB jixtieq ifakk ir-rekwiżiti tal-Artikolu 96 GDPR u tal-Artikolu 61 tad-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi (Law Enforcement Directive, LED). Skont dawk id-dispożizzjonijiet, il-ftehimiet internazzjonali kollha li jinvolvu t-ttrasferimenti ta' *data* personali lejn pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali li kienu ġew konklużi mal-Istati Membri tal-UE qabel l-24 ta' Mejju 2016 jew is-6 ta' Mejju 2016 rispettivament, u li jikkonformaw mad-dritt tal-Unjoni kif applikabbli qabel dik id-data, għandhom jibqgħu fis-seħħi dment li ma jiġux emendati, sostitwiti jew revokati.

L-EDPB jqis li, sabiex jiġi żgurat li l-livell ta' protezzjoni tal-persuni fiżiċi li huwa garantit mill-GDPR u mil-LED ma jkunx mhedded meta d-*data* personali tiġi ttrasferita barra mill-Unjoni, jenħtieġ li jiġi kkunsidrat li dawn il-ftehimiet jinġiebu konformi mar-rekwiżiti tal-GDPR u tal-LED fir-rigward tat-trażmissjoni tad-*data* meta dan ma jkunx għadu l-każ.

Għaldaqstant I-EDPB jistieden lill-Istati Membri jivalutaw u, fejn neċċesarju, jirrieżaminaw il-ftehimiet internazzjonali tagħihom li jinvolvu trasferimenti internazzjonali ta' *data*, bħal dawk relatati mat-tassazzjoni (pereż. mal-iskambju awtomatiku ta' *data* personali għal finijiet ta' taxxa), mas-sigurtà soċċali, mal-assistenza legali reċiproka, mal-kooperazzjoni tal-pulizija, eċċ. li jkunu saru qabel l-24 ta' Mejju 2016 (fir-rigward tal-ftehimiet li għandhom x'jaqsmu mal-GDPR) jew is-6 ta' Mejju 2016 (fir-rigward tal-ftehimiet li għandhom x'jaqsmu mal-LED). Dan ir-rieżami jenħtieġ li jsir sabiex jiġi determinat jekk ikunx hemm il-ħtieġa li, filwaqt li jkun hemm enfasi fuq l-interessi pubbliċi importanti

koperti mill-ftehimiet, tinkiseb aktar konverġenza mal-leġiżlazzjoni attwali u l-każistika tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data*, kif ukoll mal-gwida relatata mal-EDPB.

L-EDPB tirrakkomanda li għal dan ir-rieżami tal-GDPR u tal-LED l-Istati Membri jqisu l-linji gwida rilevanti tal-EDPB li japplikaw għat-trasferimenti internazzjonali, kif ukoll il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea, fosthom is-sentenza Schrems II tas-16 ta' Lulju 2020¹.

B'mod partikolari, f'Diċembru 2020 l-EDPB ħareġ il-Linji Gwida 2/2020 dwar l-Artikoli 46(2)(a) u 46(3)(b) tar-Regolament 2016/679 għat-trasferimenti ta' *data* personali bejn l-awtoritajiet u l-korpi pubbliċi taż-ŻEE u ta' pajiżi mhux fiż-ŻEE². Dawn il-linji gwida jistabbilixx l-i-standard skont il-GDPR firrigward tas-salvagwardji li jridu jiġu inklużi fl-istrumenti legalment vinkolanti jew fl-arranġamenti amministrattivi bejn il-korpi pubbliċi. Fil-programm ta' ħidma tiegħu għall-2021-2022³ l-EDPB inkluda wkoll gwida speċifika dwar is-salvagwardji li jridu jiġu inklużi fl-istrumenti legalment vinkolanti skont l-Artikolu 37(1)(a) tal-LED. L-Awtoritajiet Superviżorji Nazzjonali (l-Artikolu 51 tal-GDPR u l-Artikolu 41 tal-LED) huma disponibbli biex jassistu lill-Istati Membri f'dan il-proċess.

Għall-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*

Il-President

(Andrea Jelinek)

¹Is-sentenza tal-QĠUE tas-16 ta' Lulju 2020, Il-Kummissarju tal-Protezzjoni tad-*Data* v Facebook Ireland Ltd, Maximilian Schrems (C-311/18)

²https://edpb.europa.eu/sites/edpb/files/files/file1/edpb_guidelines_202002_art46guidelines_internationaltransferspublicbodies_v2_en.pdf

³https://edpb.europa.eu/our-work-tools/our-documents/strategy-work-programme/edpb-work-programme-20212022_mt